# ARĊIDJOĊESI TA' MALTA
# PJAN PASTORALI 2009- 2011



**"U meta nintrefa' 'l fuq mill-art,**
**jien niġbed il-bnedmin kollha lejja." (Ġw 12,32)**

sinodu MALTA

Website tal-Arċidjoċesi: http://www.maltadiocese.org
Website tas-Sinodu: http://www.sinodu.org.mt
© Arċidjoċesi ta' Malta, Floriana 2009

Pittura (2008) ta' John Martin Borg
'U meta nintrefa' 'l fuq mill-art, jien niġbed il-bnedmin kollha lejja.' (Ġw 12,32).

# WERREJ

**Messaġġ mill-Arċisqof**

---

**Daħla: it-tifsira tal-Pjan Pastorali**

---

**Il-viżjoni u l-missjoni:**

- **Knisja li tinbena f'komunita' ta' dixxipli ta' Ġesu' Kristu**
- **Knisja li tirċievi u twassal il-Kelma**
- **Knisja li tiċċelebra l-għaqda ma' Alla u ma' xulxin**
- **Knisja li taqdi u taħdem għall-ġustizzja**
- **Knisja favur iż-żwieġ u l-familja**
- **Knisja b'post speċjali għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ**

---

**Fil-qalba tal-Pjan: Il-Viżta Pastorali**

---

**Impenji li qed jittieħdu**

---

**Biex il-ħidma titwettaq - valutazzjoni**

## Nota

F’dan il-Pjan:

Djoċ - tfisser Djoċesana

Kom – tfisser Komunikazzjoni

Kumm – tfisser Kummissjoni

Seg – tfisser Segretarjat

# MESSAĠĠ MILL-ARĊISQOF

***"U meta nintrefa' 'l fuq mill-art,***
***jien niġbed il-bnedmin kollha lejja." (Ġw 12,32)***

Dan il-Pjan Pastorali huwa frott ta' ħidma tas-Segreterija Pastorali tal-Arċidjoċesi, u jinkludi konsultazzjoni vasta f'diversi organi tal-Knisja. Din il-konsultazzjoni kienet tinkludi suġġeriment ta' silta li tispjega l-għan ta' dan il-Pjan Pastorali. Meta dawn is-siltiet ingħataw lili biex nagħżel waħda minnhom, jew xi oħra li ma kenitx imniżżla, mal-ewwel għażilt din is-silta: **"U meta nintrefa' 'l fuq mill-art, jien niġbed il-bnedmin kollha lejja." (Ġw 12,32)** San Ġwann jispjega dan il-kliem: "Hu qal dan biex jurihom b'liema mewt kien sejjer imut." (v.33)

Meta qal dan il-kliem, ma kienx qiegħed jitkellem biss fuq il-vjolenza jew il-kruha tat-tbatija tiegħu, iżda dak li kien hemm moħbi wara dan id-dramm uman. Meta Ġesù ntrefa' 'l fuq, huwa wera l-imħabba ta' Alla l-Imbierek li dehret fit-tbatijiet u l-mewt tiegħu għall-imħabba tagħna. Dak il-ħin, kien hemm għallinqas tnejn li fehmu: wieħed kien dak li aħna nafuh bħala l-ħalliel it-tajjeb, li kien imsallab ma' Ġesù, li nduna li Ġesù msallab kien it-triq għall-Ġenna (ara Lq 23,39ss); l-ieħor kien iċ-ċenturjun li stqarr li fl-imsallab ra "tassew Bin Alla" (Mt 27,54)

Mill-bidu ħassejt li għalina llum dan il-kliem għandu jkunu personalizzat u ssir dikjarazzjoni mill-Knisja f'Malta, u ta' kull membru tagħha: **"U meta nintrefgħu 'l fuq mill-art, aħna niġbdu il-bnedmin kollha lejna."**

Din trid tkun il-Pjan li jwassal għal xhieda ikbar min-naħa tal-Knisja u tagħna lkoll. Irridu nintrefgħu 'l fuq mill-art, b'imħabba sinċiera lejn Alla u lejn ħutna l-bnedmin kollha, biex niġbdu lil bnedmin oħra lejna biex inressquhom lejn Ġesù. Il-Knisja f'Malta żviluppat f'dawn l-aħħar sekli, f'kuntest ta' kultura li hija aċċettat, u li ħafna drabi 'għammdet' bil-fidi tagħha. Iżda xi drabi anki din il-kultura li nibtet fil-Knisja nbidlet f'valur fiha nfisha, li mhux dejjem twassal biex il-ħajja tal-membri tal-Knisja tkun tidher biżżejjed biex tiġbed il-bnedmin lejna u lejn Ġesù.

L-isfidi tagħna huma li nintrefgħu 'l fuq mill-kultura globali prevalenti llum hekk li nidhru li mhux qed inservu din il-kultura, iżda naqdu lil Ġesù f'din il-kultura: L-għażliet tagħna fid-dawl tal-valuri tal-Vanġelu jridu jtaffu l-effetti tal-materjaliżmu, tar-relativiżmu u l-konsumiżmu. Hija sfida wkoll tagħna li nintrefgħu 'l fuq mill-kultura li nibtet fil-Knisja li kienet tant ta' valur fi żminijiet oħra, ma' kultura ġdida kristjana li hija tant neċessarja llum: l-għażla personali fil-familja, fil-post fejn ngħixu u naħdmu, li twassal għal komunjoni fil-Komunita' Nisranija, iktar milli nserrħu rasna biss għaliex inħossuna komdi fl-aspett reliġjuż tal-kultura nisranija tagħna.

Ġesù, qabel ma qal dan il-kliem li għażilna bħala l-ħsieb tal-Pjan Pastorali, wriena t-triq kif nintrefgħu mill-art biex niġbdu lill-bnedmin lejna : "jekk (il-ħabba tal-qamħ) tmut, tagħmel ħafna frott" (V.24); "Min jaqdi lili, il-Missier jagħtih ġieħ." (v.26)

**+ Pawl Cremona OP**
**Arċisqof ta' Malta**

# IT-TIFSIRA TAL-PJAN PASTORALI

- Alla hu li jmexxi l-ħidma tal-Knisja. Minna jitlob li nkunu miftuħin għall-ispirtu tiegħu, u li nagħmlu ħilitna biex inwieġbu għal dak li hu jurina fis-sinjali taż-żminijiet. Il-Pjan Pastorali, għalhekk, hu din it-tweġiba tagħna, fil-limitazzjonijiet kollha tagħna imma bl-għajnuna tiegħu, għal dak li qed jurina l-Ispirtu ta' Alla fi żmienna. Hu l-espressjoni tal-kollaborazzjoni tagħna ma' Alla.

- Il-Pjan Pastorali 2009-2011 irid jgħin lill-Knisja f'Malta fil-mixja mis-sitwazzjoni preżenti lejn is-sitwazzjoni mixtieqa. Id-dokumenti tas-Sinodu Djoċesan joffru analiżi f'waqtha tas-sitwazzjoni f'diversi oqsma tal-ħidma pastorali tal-Knisja, kif ukoll tas-sitwazzjoni mixtieqa fid-dawl tas-sinjali taż-żminijiet. Fl-istess waqt, mis-Sinodu 'l hawn, l-esperjenza stess tat-twettiq tas-Sinodu ħarġet b'mod ċar aspetti partikulari li l-Pjan Pastorali l-ġdid ried jikkonsidra.

- Il-Pjan għalhekk juri l-viżjoni li se tmexxi lill-Knisja f'Malta u l-missjoni tagħha, u jindika ħidmiet u l-proġetti li jgħinu lill-Knisja f'din il-mixja tagħha, kif ukoll min se jkun responsabbli ta' dawn.

- Fejn jidħlu ħidmiet u proġetti, dan il-Pjan jiffoka fuq proġetti ġodda jew dawk li se jsiru b'mod ġdid jew b'impenn u b'koordinament akbar. Il-Pjan ma jinkludix il-ħidmiet kollha li jsiru mill-oqsma differenti tal-Knisja f'Malta. Barra minn hekk, il-proġetti tal-Pjan jissemmew fil-qosor ħafna. Kull enti responsabbli għall-proġett għandha pjan f'iktar dettall tal-proġett.

- Il-Pjan irid iħeġġeġ ukoll lill-insara Maltin biex jagħrfu r-responsabbiltajiet tagħhom individwali, u jħallu l-viżjoni tal-Pjan tispirahom. Matul dawn it-tliet snin, enfasi qed tingħata lit-tema magħżula mill-Arċisqof u l-implikazzjoni tagħha għall-ħajja individwali u għall-komunitajiet.

- L-ikbar proġett tal-Pjan Pastorali tal-Arċidjoċesi hu l-Viżta Pastorali li l-Arċisqof se jagħmel fil-parrroċċi matul it-tliet snin tal-Pjan. Dan hu proġett mill-aktar impenjattiv li għandu jwassal kemm biex l-Arċisqof isaħħaħ il-komunitajiet parrokkjali fil-fidi, kif ukoll biex isir it-tiġdid meħtieġ. Fih se jkunu involuti diversi strutturi tal-Knisja f'Malta, kemm bi tħejjija għall-Viżta kif ukoll waqt u wara.

- Il-Pjan juri wkoll kif se jsir il-proċess ta' valutazzjoni, li jrid jgħin biex kontinwament ikun hemm *monitoring* ta' jekk il-Pjan huwiex jitwettaq u b'liema mod dan qed isir, u x'passi jeħtieġ li jittieħdu biex dan isir.

- Kull parroċċa wkoll ħadmet Pjan ta' tliet snin b'rabta ma' dak li qed isir fl-Arċidjoċesi, u bl-istess tema magħżula mill-Arċisqof.

- Is-Seminarju tal-Arċidjoċesi se jkompli miexi fuq il-programm ta' seba' snin li kien tfassal għas-seminaristi bħala twettiq tal-viżjoni u l-proposti tad-dokumenti tas-Sinodu Djoċesan fil-mixja ta' formazzjoni fis-Seminarju.

- Fl-aħħar mill-aħħar, hu l-Ispirtu ta' Alla li jaħdem permezz ta' dawn il-ħidmiet u fl-istess proċess ta' valutazzjoni. Għalhekk, iktar milli l-proġetti fihom infushom, hu importanti l-mod li bih jitwettqu: iktar ma jkun Alla li jmexxi, iktar il-proġetti jirnexxu u jilħqu l-iskop tagħhom. Din hi t-talba lil Alla li takkumpanja t-twettiq ta' dan il-Pjan Pastorali.

# IL-VIŻJONI TAL-PJAN PASTORALI

Il-Knisja f'Malta se tgħix it-tema proposta mill-Arċisqof għall-Pjan Pastorali – 'Meta nintrefa' 'l fuq mill-art, jien niġbed il-bnedmin kollha lejja' billi, matul 2009-2011, taħdem biex tkun dejjem aktar:

I. **Knisja li tinbena f'komunita' ta' dixxipli ta' Ġesu' Kristu**

II. **Knisja li tirċievi u twassal il-Kelma**

III. **Knisja li tiċċelebra l-għaqda ma' Alla u ma' xulxin**

IV. **Knisja li taqdi u taħdem għall-ġustizzja**

V. **Knisja favur iż-żwieġ u l-familja**

VI. **Knisja b'post speċjali għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ**

Din il-viżjoni se tmexxi lill-Knisja f'Malta b'mod partikulari fil-proġett prinċipali tal-Pjan Pastorali 2009-2011: il-Viżta Pastorali tal-Arċisqof, li s-Sinodu Djoċesan ħeġġeġ li ssir fl-Arċidjoċesi (ara *Viżjoni ta' Knisja komunjoni,* 52).

# I. Knisja li tinbena f'komunita' ta' dixxipli ta' Ġesu' Kristu

## VIŻJONI

Il-Knisja f'Malta trid tkun Knisja ta' dixxipli ta' Ġesu' Kristu, li jimxu warajh, li jsibu fih it-triq, il-verita' u l-ħajja, u li jħalluh isawwarhom fi strumenti ta' komunjoni.

Is-Sinodu Djoċesan, fid-dokument *Viżjoni ta' Knisja komunjoni,* f'nru 33, jitkellem fuq id-dixxipulat:

> Għax il-Knisja f'Malta tixtieq tkun aktar kristoċentrika, aħna, il-membri tagħha, irridu nifhmu aktar x'jiġifieri nkunu dixxipli ta' Kristu, u nfittxu li nkunu hekk tabilħaqq. Kristu huwa l-Imgħallem waħdieni tagħna, dak li għandu l-kliem tal-ħajja ta' dejjem (ara Ġw 6,68). Aħna nixtiequ nimitaw lil Marija, Omm Ġesu', li għexet b'mod perfett id-dixxipulat.

F'nru 21, fuq is-sehem tad-dixxipli għall-bini tal-komunita':

> L-ispiritwalita' tal-komunjoni f'ġemgħa ta' aħwa u dixxipli ta' Kristu sseħħ daqskemm kull membru tal-Knisja (ministru ordnat jew lajk) jagħti s-sehem proprju u importanti tiegħu fi ħdan il-komunita' ekkleżjali. Il-membri kollha tal-Knisja għandhom jiskopru dejjem aktar il-vokazzjoni tagħhom, jiġifieri x'inhi l-identita' u r-rwol tagħhom fil-Knisja.

F'nru 38, fuq id-djalogu u l-ħidma flimkien bħala dixxipli ta' Ġesu' Kristu:

> Knisja li trid tkun dejjem aktar melħ, dawl u ħmira, tħoss il-ħtieġa li sseddaq id-djalogu, qabel kollox bejn l-istess membri tal-Knisja-komunita'. Dan ifisser li nisimgħu lil xulxin u nagħtu widen lil xulxin. Għandna ħafna riżorsi umani, imma li f'diversi każi huma sparpaljati. Aktar minn ħafna jaħdmu flimkien insibu diversi li jibnu l-"knejjes" tagħhom. Mhux dejjem ħdimna flimkien bħal aħwa u dixxipli ta' Ġesu'. Mhux dejjem għaqqadna l-forzi u mhux dejjem qdejna lil xulxin. Irridu ngħidu li aħna Knisja li hija għanja b'qawsalla ta' għaqdiet, movimenti u gruppi, imma li sfortunatament mhux dejjem jaħdmu id f'id u b'għan wieħed.

## IT-TRIQ FUTURA

Matul 2009-2011, il-Knisja f'Malta se taħdem:

- biex is-saċerdoti djoċesani, il-membri tal-kongregazzjonijiet ta' ħajja konsagrata u l-lajċi jkunu tassew dixxipli ta' Ġesu' Kristu, u jħaddnu l-istil ta' ħajja tiegħu;
- biex dan id-dixxipulat iwassal għall-bini ta' komunita' fejn jisseddaq id-djalogu u l-ħidma flimkien bejn l-aħwa;
- biex dan jagħti xhieda lis-soċjeta' tas-sbuħija tal-ħajja ta' aħwa u dixxipli ta' Ġesu' Kristu.

## PROĠETTI

| | |
|---|---|
| **Spiritwalita'**<br><br>- Ikun offrut MA fl-Ispiritwalita' u MA fid-Direzzjoni Spiritwali, bil-għan li tingħata formazzjoni professjonali lil dawk li se jkunu mexxejja f'dan il-qasam. | *Fakulta' tat-Teoloġija* |
| **Saċerdoti**<br><br>- Bil-għan li tissaħħaħ il-formazzjoni permanenti tas-saċerdoti, se jitkomplew il-korsijiet ta' aġġornament, li fis-sena 2009 se jsir f'Mejju bis-sehem tal-Arċisqof Gianfranco Ravasi, President tal-Kunsill Pontifiċju għall-Kultura. Se jitkomplew ukoll is-seminars ta' Tiġdid Presbiterali.<br><br>Se terġa' titwaqqaf Kummissjoni biex tagħmel reviżjoni tad-Direttorju tal-Kleru – reviżjoni li ilha ġejja ħafna – u titkompla l-ħidma biex jinstab post għal Ċentru ta' kontemplazzjoni fejn saċerdot ikun jista' jmur għal xi ġranet u bl-għajnuna ta' saċerdot ieħor jagħraf iżjed it-toroq tal-Mulej għalih. | *Segretarjat Kleru* |
| Se ssir ħidma għal dawn il-proġetti ġodda għall-formazzjoni permanenti tas-saċerdoti:<br>- Pjan ta' formazzjoni għas-saċerdoti fl-ewwel ħames snin tas-saċerdozju.<br>- Studju dwar il-possibbilta' ta' żmien sabbatiku programmat għas-saċerdoti.<br>- Studju dwar ir-realta' tal-qassis Malti llum. | *Segretarjat Kleru*<br>*Fakulta' tat-Teoloġija*<br>*Istitut ta' Formazzjoni*<br>*Seminarju ta' Malta* |
| **Lajċi**<br><br>- Issir ħidma biex ikun hemm aktar lajċi ffurmati li jagħtu l-kontribut tagħhom f'diversi oqsma tal-ħajja tal-Knisja f'Malta. | *Segretarjat Lajċi*<br>*Fakulta' tat-Teoloġija* |

| | |
|---|---|
| **Parroċċi** | |
| - Tissaħħaħ ir-rabta bejn iċ-ċentru (is-Segretarjat) u l-parroċċi. Għalhekk ikun hemm membru tal-Kunsill tas-Segretarjat responsabbli għad-distretti differenti biex, b'kollaborazzjoni mal-moderaturi tal-unitajiet pastorali, iżomm rabta mal-Kunsilli Pastorali Parrokkjali, iwassal tagħrif u jgħin fid-diffikultajiet, kif ukoll jgħin biex ikunu sensibilizzati dwar ir-responsabbilta' tagħhom. | *Segretarjat Parroċċi* |
| - Ikunu provduti għajnuniet għall-mumenti ta' formazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsilli Pastorali Parrokkjali, bħalma sar diġa' darbtejn, bħala *follow-up* tal-laqgħat ta' formazzjoni. | *Segretarjat Parroċċi*<br>*Istitut ta' Formazzjoni* |
| **Festi** | |
| - Ikomplu l-passi biex il-festi jkunu tassew insara. Issir ħidma fil-parroċċi kollha biex mill-festi ċċelebrati fil-knejjes f'Malta jispiċċaw: imġiba mhix denja ta' bnedmin u ta' nsara b'mod partikulari fil-marċi; u esaġerazzjonijiet fil-ħsejjes tal-murtali, b'inkonvenjent għall-morda u bi ħsara għall-ambjent naturali. | *Arċidjoċesi ta' Malta*<br>*Kulleġġ tal-Kappillani*<br>*Kummissjoni Ambjent* |
| - Isir seminar dwar diversi aspetti tal-festi bil-għan li l-festi jkunu aktar xierqa bħala festi nsara. | *Kulleġġ tal-Kappillani*<br>*Organizzazzjonijiet involuti fil-festa* |
| - Joħroġ ir-rapport li dwaru saret konsultazzjoni matul 2008 dwar aspetti taċ-ċelebrazzjonijiet interni. | *Arċidjoċesi ta' Malta* |

## II. Knisja li tirċievi u twassal il-Kelma ta' Alla

### VIŻJONI

Il-Knisja f'Malta trid tkun Knisja dejjem miftuħa għall-Kelma ta' Alla, biex tilqagħha bil-qalb, tgħinha tagħmel l-għażliet neċessarji llum, u twassalha b'fedelta' u b'impenn lill-bniedem tal-lum. Is-Sena Pawlina – li tiċċelebra lil Pawlu li laqa' l-Kelma u wassalha b'enerġija u b'entużjażmu – għandha tkun ta' spinta għal din il-ħidma.

Is-Sinodu Djoċesan, fid-dokument *Viżjoni ta' Knisja komunjoni*, nru 33, fuq il-ħtieġa li l-Knisja tisma' b'attenzjoni l-Kelma ta' Alla:

> Għax nixtiequ nkunu dejjem aktar dixxipli skond il-qalb tal-Mulej, kollna mxennqin għalih, irridu nisimgħu b'attenzjoni akbar il-Kelma ta' Alla. Din il-Kelma, kemm-il darba nilqgħuha bis-sinċerita' kollha, tibdilna mill-qiegħ, iddawwal il-passi tagħna, u, permezz tad-dixxerniment, tgħinna nagħmlu dawk l-għażliet li jrid il-Mulej fil-ħajja tagħna…

Id-dokument *Xandir tal-Kelma,* nru 8-9, fuq kif l-insara jxandru l-Kelma fis-soċjeta':

> Il-Knisja, bħala għaqda ta' dawk li jemmnu, għandha d-dmir li xxandar l-Aħbar it-Tajba ta' Kristu: li Alla hekk ħabb il-bniedem li bagħat lil Ibnu fid-dinja. Ix-xandir tal-Kelma għandu l-għan li jwassal lill-individwi u lis-soċjeta' biex jaċċettaw lil Kristu f'ħajjithom u jħallu l-Evanġelju jagħġnilhom ħajjithom. L-insara f'Malta jkomplu l-ħidma tax-xandir tal-Kelma kull meta, bil-ħidma siekta tagħhom, jagħmlu dmirhom fis-soċjeta' b'impenn u tama f'ġejjieni aħjar minn dak ta' llum…Il-Knisja f'Malta għandha dmir li twassal ix-xandir tal-Kelma b'mod li jdawwal l-għajxien mhux biss ta' l-insara iżda wkoll tal-ħajja ċivili f'Malta. Dan trid tagħmlu b'kuraġġ, b'umilta' u bi spirtu profetiku.

U d-dokument *Lajċi Nsara*, nru 46, jgħid:

> Biex il-lajċi jaslu jinkarnaw il-Kelma ta' Alla fis-soċjeta' ta' llum, iridu t-taħriġ u formazzjoni xierqa; fl-evanġelizzazzjoni ġdida mhux biżżejjed tkun taf il-messaġġ imma trid tkun taf ukoll id-dinja li fiha ser twasslu.

### IT-TRIQ FUTURA

Matul 2009-2011, il-Knisja f'Malta se taħdem:

- biex l-insara jkunu widnejhom u qalbhom miftuħa għall-Kelma ta' Alla, bħala dik li tagħti d-dawl lil ħajjithom;
- biex jieħdu bis-serjeta' l-formazzjoni għall-ħajja magħġuna mal-Kelma ta' Alla u li tgħinhom jimmaturaw fil-ħajja nisranija;
- biex il-Knisja, fl-impenn tagħha ta' evanġelizzazzjoni, tagħraf twassal il-Kelma f'lingwaġġ li jinftiehem mill-bniedem tal-lum u li jgħinu fit-tfittxija għal sens fil-ħajja.

## PROĠETTI

| Katekeżi u Formazzjoni | |
|---|---|
| - Filwaqt li titkompla l-ħidma tal-Knisja f'Malta fl-oqsma differenti tal-katekeżi fil-parroċċi, fl-iskejjel u fis-soċjeta' Maltija – tfal, adolexxenti, żgħażagħ, adulti, u persuni bi bżonnijiet speċjali – issir ħidma biex il-programm ta' katekeżi ikun immirat qabel kollox għall-maturazzjoni tal-ħajja nisranija, u ċ-ċelebrazzjonijiet tas-sagramenti jkunu pass important f'din il-mixja ta' maturazzjoni. Għalhekk isir proċess ta' riflessjoni u studju li jwassal għal Direttorju Kateketiku Djoċesan. | *Segretarjat Katekeżi* |
| Dan id-Direttorju jinħadem b'konsultazzjoni mal-oqsma differenti konċernati u jkun jiġbor fih il-viżjoni, l-istrateġija u l-linji-gwida f'dak li għandu x'jaqsam mal-katekeżi. Dan ikun Dokument Bażi għall-Knisja f'Malta u jservi biex ikunu iżjed ċari l-orjentamenti tal-Knisja fejn tidħol l-edukazzjoni fil-fidi għall-kategoriji kollha u fil-livelli kollha tal-mixja nisranija. | |
| - Fid-dawl tal-konsultazzjoni li saret matul 2008, ikun ippubblikat id-dokument ta' *policy* dwar it-tagħlim tar-Reliġjon fl-iskejjel. | *Segretarjat Katekeżi* |
| - Il-Knisja f'Malta tkompli toffri opportunitajiet ta' formazzjoni professjonali lill-operaturi pastorali għat-twettiq tal-ministeri u tal-ħidmiet tagħhom u tipprovdi wkoll esperjenzi ta' djalogu fis-soċjeta' Maltija. Għalhekk, flimkien mal-korsijiet li għaddejjin diġa', u mal-inizjattivi ta' djalogu li jittieħdu b'mod regolari, se jkun hemm dawn il-proġetti ġodda: | |
| • Isir kors introduttiv għat-teoloġija, mifrux fuq sentejn, li jagħti introduzzjoni ġenerali fuq it-tagħlim tal-Bibbja u fuq temi magħżula mix-xjenzi teoloġiċi. | *Segretarjat Katekeżi*<br>*Istitut ta' Formazzjoni* |
| • Wara l-introduzzjoni tal-kors ta' *leadership* għal-lajċi li ngħata darbtejn, ikun żviluppat f'żewġ livelli oħra dan il-kors. | *Istitut ta'  Formazzjoni* |

| | |
|---|---|
| • Ikunu żviluppati korsijiet speċjalizzati fuq aspetti mit-tagħlim soċjali tal-Knisja, intenzjonati għal persuni li jaħdmu fil-qasam ekonomiku, soċjali u politiku. | *Istitut ta' Formazzjoni*<br>*Fakullta' tat-Teoloġija*<br>*Entijiet oħra involuti f'dan il-qasam* |
| • Ikun offrut kors ta' formazzjoni teoloġika għall-operaturi pastorali fil-parroċċa u għal dawk li jmexxu għaqdiet u movimenti. | *Istitut ta' Formazzjoni* |
| • Isir programm ta' formazzjoni għar-*religious counsellors.* | *Istitut ta' Formazzjoni*<br>*Segretarjat Katekeżi* |
| • Isiru inizjattivi li joħolqu spazju ta' djalogu u riflessjoni, kif ukoll servizz ta' formazzjoni nisranija speċjalizzata, għal dawk involuti fil-qasam tal- politika. | *Istitut ta' Formazzjoni*<br>*Kumm Ġustizzja u Paċi* |
| • Isir kors bażiku ta' missjoloġija għal dawk li jixtiequ jagħmlu esperjenza missjunarja jew ta' volontarjat. | *Istitut ta' Formazzjoni*<br>*Uffiċċju Missjunarju*<br>*Ċentru Animazzjoni Missjunarja* |
| • Issir serje ta' konferenzi bit-tema 'Kultura u Fidi', biex tissaħħaħ il-fidi nisranija permezz ta' apprezzament tal-wirt artistiku u kulturali Malti. | *Kummissjoni Kultura* |
| ***Media*** | |
| - Ikun ippubblikat u mxerred id-dokument dwar il-Knisja u l-media, *Il-Wiċċ Diġitali tal-Mulej*, u jibdew jitwettqu l-proposti li jinkludi d-dokument, skont it-*targets* li jissemmew. B'mod partikulari, huma identifikati dawn l-oqsma fejn se jsiru proġetti ġodda:<br>• twaqqif b'mod sħiħ tas-Segretarjat Komunikazzjoni Soċjali, li jkun il-mutur għal sinerġija u koordinament f'dan il-qasam<br>• twaqqif ta' *Communications Office*<br>• *Media Education* aktar mifruxa<br>• attenzjoni partikulari lill-media l-ġodda<br>• kollaborazzjoni mad-djoċesi ta' Għawdex fil-qasam tal-*media* | *Arċidjoċesi ta' Malta*<br>*Seg Kom Soċjali* |

# III. Knisja li tiċċelebra l-għaqda ma' Alla u ma' xulxin

## VIŻJONI

Il-Knisja f'Malta trid tkun Knisja li tiċċelebra b'mod ħaj l-għaqda ma' Alla u ma' xulxin. Il-liturġija trid tiġġedded kontinwament biex tibqa' tkun esperjenza ta' din l-għaqda.

Mid-dokument *Liturġija u Sagramenti*, 7 fuq id-djalogu ma' Alla:

> Iċ-ċelebrazzjoni sagramentali hi laqgħa ta' wlied Alla ma' Missierhom, fi Kristu u l-Ispirtu s-Santu. Din il-laqgħa ssir qisha djalogu permezz ta' għemil u ta' kliem. L-Ispirtu s-Santu ma jagħtiniex biss li nifhmu l-Kelma ta' Alla u t-talb tal-Knisja biex iqajjem fina l-fidi; permezz tas-sagramenti jagħmel ukoll li jseħħu "l-għeġubijiet" ta' Alla mħabbrin mill-Kelma u talb.

Mid-dokument *Liturġija u Sagramenti*, 32, fuq il-valur taċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija:

> L-Ewkaristija hi l-qalba u l-qofol tal-ħajja tal-Knisja għax fiha Kristu jsieħeb il-Knisja u l-membri kollha tiegħu fis-sagrifiċċju ta' tifħir u ta' radd il-ħajr li offra darba għal dejjem fuq is-salib lil Missieru. Il-quddiesa hi għalhekk it-tifkira tal-Għid tal-Mulej, jiġifieri tal-ħajja bil-mewt u bil-qawmien ta' Kristu. Waqt il-quddiesa dan il-misteru jiġġedded taħt sinjali sagramentali. B'dan is-sagrifiċċju Kristu jxerred kotra ta' grazzji fuq il-Knisja.

Mid-dokument *Djakonija u Ġustizzja* 38, fuq l-għajxien tal-Ewkaristija fil-ħajja ta' kuljum:

> Irridu nkunu Knisja li tgħin lill-membri tagħha jagħrfu 'l Kristu kemm fil-qsim tal-ħobż kif ukoll f'dawk li ma għandhomx ħobż. L-Ewkaristija, ir-Rikonċiljazzjoni, il-Griżma ta' l-Isqof u s-sagramenti l-oħrajn għandhom dimensjoni ta' servizz u ġustizzja li jridu jidhru fil-mod kif niċċelebraw, nippridkaw u nitolbu... Liturġija li ma twasslilniex stedina ċara għas-servizz, għall-ġustizzja u fuq kollox għall-imħabba lejn xulxin tkun ritwal vojt estern, imbiegħed mill-Evanġelju.

## IT-TRIQ FUTURA

Matul 2009-2011, il-Knisja f'Malta se taħdem:

- biex il-liturġija tkun dejjem aktar esperjenza ħajja ta' għaqda ma' Alla u ma' xulxin;
- biex iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija tkun tassew iċ-ċentru tal-ħajja ta' l-insara Maltin;
- biex iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi jkunu minnhom infushom esperjenza ta' enerġija biex l-insara jgħixu l-fidi fil-ħajja ta' kuljum.

## PROĠETTI

| | |
|---|---|
| Flimkien ma' proġetti li jsiru b'mod regolari jew li issa daħlu bħala parti mill-programm regolari tal-Knisja f'Malta fil-qasam tal-liturġija, se jsiru dawn il-proġetti ġodda: | |
| - Jinħadem b'mod sistematiku u f'qafas pastorali l-programm għall-formazzjoni tal-ministri fil-qasam tal-liturġija. | *Segretarjat Liturġija*<br>*Istitut ta' Formazzjoni* |
| - Ikunu ppubblikati kotba liturġiċi: il-lezzjonarju tal-Ħdud (B u Ċ) u l-ferjali sa tmiem 2009; il-Brevjar sa tmiem 2011. | *Kummissjoni Liturġika Nazzjonali* |
| - Fid-dawl tas-Sinodu tal-Isqfijiet dwar il-Kelma ta' Alla li sar f'Ottubru 2008, isir seminar għas-saċerdoti li jkompli japprofondixxi temi li ħarġu mis-Sinodu, fosthom it-taħriġ fl-omelija. | *Segretarjat Liturġija*<br>*Segretarjat Kleru* |
| - Jitħaddem 'proġett pilota' għal animazzjoni ħajja tal-quddies f'numru ta' parroċċi partikulari. Imbagħad issir evalwazzjoni tar-riżultat, ħalli jkunu megħjuna komunitajiet insara oħra. | *Discern*<br>*Segretarjat Liturġija* |
| - Isir seminar għal min jiddeierieġi l-korijiet parrokkjali, bil-għan li jitjieb il-kant liturġiku. | *Kummissjoni Kultura*<br>*Segretarjat Liturġija*<br>*Istitut ta' Formazzjoni* |
| - Tinfirex aktar u tkompli tkun aġġornata l-lista tal-postijiet fejn tkun iċċelebrata quddiesa bis-sehem ħaj taż-żgħażagħ. | *Kumm Djoċ Żgħażagħ* |
| - Issir promozzjoni tal-linji-gwida għall-quddiesa animata miż-żgħażagħ u tingħata formazzjoni dwar il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ infushom fil-liturġija. | *Kumm Djoċ Żgħażagħ* |

# IV. Knisja li taqdi u taħdem għall-ġustizzja

## VIŻJONI

Il-Knisja f'Malta trid tkun Knisja li taqdi, fuq l-eżempju ta' Ġesu' Kristu u bl-istess stil u spirtu tiegħu. Dan il-qadi b'imħabba trid issieħbu wkoll mal-kontribut għal soċjeta' aktar ġusta.

Is-Sinodu Djoċesan, fid-dokument *Djakonija u Ġustizzja*, nru 1, dwar il-qadi:

> Mistoqsi liema huwa l-akbar kmandament tal-Liġi, Ġesu' wieġeb ċar u tond li l-akbar kmandament huwa li tħobb lil Alla fuq kollox u lil għajrek bħalek innifsek. "Dawn il-kmandamenti huma l-qofol tal-Liġi kollha u tal-Profeti", għax "m'hemmx kmandament ieħor akbar minn dawn" (Mt 22,36-40; Mk 12,31). Gesu' jurina li l-imħabba tagħna għandha tasal għand dawk li huma fil-bżonn ta' l-għajnuna, huma min huma (ara Lq 10,29-37), ukoll dawk li m'humiex ta' ġewwa, anzi saħansitra għandha tasal sa l-għedewwa tagħna u dawk li jagħmlulna l-ħsara (ara Mt 5,43-48). Huwa fuq il-kwalita' ta' l-imħabba tagħna għal dawk li huma fil-bżonn li huwa se jiġġudikana waqt li qalilna li lilu nsibuh u naqduh "fl-iżgħar wieħed minn dawn ħuti" (Mt 25,31-46).

F'nru 7, dwar ir-rabta flimkien tal-karita' u l-ħidma għall-ġustizzja:

> Kemm il-karita' kif ukoll il-ġustizzja jfissru s-sejħa tagħna biex ngħixu l-Evanġelju ta' l-imħabba u r-rikonċiljazzjoni. Dawn iż-żewġ virtujiet jikkumplementaw lil xulxin, għalkemm m'humiex l-istess la fl-għanijiet u lanqas fil-metodu. L-imħabba hi l-aqwa kmandament soċjali. Tirrispetta lill-oħrajn u d-drittijiet tagħhom. Titlob li ssir ġustizzja li bl-imħabba biss ikollna l-ħila nħaddnuha. Li nagħtu karita' huwa essenzjali, imma mhux biżżejjed: irridu ninżlu aktar fil-fond. Irridu nsaqsu aktar mistoqsijiet. Dan hu x-xogħol tal-ġustizzja.

U d-dokument *Kultura-Soċjeta'-Knisja*, nru 83, jitkellem fuq il-ħtieġa ta'

> … qalb li taf tħoss kif jaf iħoss il-Mulej, qalb li toqmos quddiem it-tbatija u l-inġustizzja, qalb tal-laħam li tħabbat f'sintonija mal-qlub tal-bnedmin fis-soċjeta' li trid tevanġelizza, qalb li twassal ferħ u tama.

## IT-TRIQ FUTURA

Matul 2009-2011, il-Knisja f'Malta se taħdem:

- biex tkompli taqdi b'imħabba kbira lil dawk kollha li għaddejjin minn tbatija, u tkun għalihom mezz ta' fejqan u solidarjeta';
- biex l-insara jagħrfu jfittxu u jgħinu lil dawk kollha li qed ibatu fis-skiet u bla appoġġ ta' ħadd;
- biex l-insara jaraw il-ħidma għal soċjeta' aktar ġusta – bħall-impenn favur id-drittijiet tal-bniedem, l-inklużivita', il-ħarsien tal-ambjent, u kontra r-razziżmu – bħala parti integrali mill-għajxien ta' dak li jemmnu.

## PROĠETTI

| | |
|---|---|
| **Qadi** | |
| - Il-Knisja f'Malta hi impenjata bis-sħiħ fil-qasam assistenzjali ta' karita' diretta ma' persuni fil-bżonn, u qed tippjana li tkompli din il-ħidma u li ttejjeb is-servizzi li joffru ħafna entijiet tagħha. L-enfasi se tkun biex din il-ħidma tingħata bl-aħjar mod u, fl-istess waqt, qatt ma titlef il-karatteristiċi proprji tagħha ta' karita' nisranija. | *Segretarjat Caritas* |
| - Issir ħidma biex il-Kummissjoni Djakonja fil-parroċċa tkun imħarrġa u orjentata aktar fuq il-bżonn li tkun ukoll strument ta' *advocacy* fuq temi ta' natura soċjali. | *Segretarjat Caritas* |
| - Isir proġett '*Retirement and Ageing'* li japplika n-nozzjoni ta' '*active ageing'* u jaħdem strateġija biex toffri l-opportunita' lil persuni f'din il-kategorija li jimpenjaw ruħhom f'xi qasam tal-volontarjat. Jingħata taħriġ adattat skond l-għażla li persuna tagħmel. | *Caritas Helpage* |
| - Jissaħħu s-servizzi f'diversi djar tal-Knisja, speċjalment bi spazji ta' terapija u jitqiegħdu fil-prattika l-i*standards* il-ġodda kemm fid-djar residenzjali kif ukoll fiċ-ċentri ta' matul il-jum. | *Uffiċċju Ċentrali 'Ejjew Għandi'* |
| - Jitwaqqaf Ċentru ieħor ta' matul il-jum f'Dar Qalb ta' Ġesu' li jservi lil tfal li flimkien ma' ommijiethom għaddew minn vjolenza fid-dar. Dan il-proġett se jgħin biex l-ommijiet li jinsabu f'Merħba Bik, f'Programm 'Għabex' u fil-Programm 'Sebħ' (Dar Qalb ta' Ġesu') ikunu jistgħu jaħdmu, imqar *part-time,* ħalli b'hekk ikunu jistgħu jħarsu lejn il-ġejjieni b'aktar ottimiżmu u jkun jistgħu jtejbu l-qagħda finanzjarja tagħhom. Dan il-proġett ġdid jingħaqad mad-diversi servizzi professjonali li qed jingħataw f'dan il-qasam, li qed jissaħħu kontinwament bil-formazzjoni permanenti tal-i*staff* kollu. | *Uffiċċju Ċentrali 'Ejjew Għandi'* |

| | |
|---|---|
| - Wara l-introduzzjoni ta' SPRED (Żvilupp Reliġjuż Speċjali) fid-Dar tal-Providenza għall-persuni b'diżabilita' intellettwali, jingħata taħriġ biex din l-istess inizjattiva tkun tista' tilħaq anke persuni b'diżabilita'intellettwali fil-parroċċi wkoll. | *Kummissjoni Pastorali Persuni b'diżabilita'* |
| - Jiġu żviluppati s-servizzi għal persuni vulnerabbli bi ħtiġijiet li m'humiex milħuqa minn ħaddieħor, b'attenzjoni partikulari lill-persuni bi problemi ta' saħħa mentali, lit-tfal batuti fit-tagħlim, lil żgħażagħ li baqgħu lura fit-tagħlim u żgħażagħ żvantaġġjati, lill-familji fid-diffikulta', u lill-*carers* li tul is-snin ħadmu għall-kura u ħarsien ta' xi membru tal-familja. | *Fondazzjoni St Jeanne Antide* |
| **Djalogu u kontribut fis-soċjeta'** | |
| - Diversi kummissjonijiet tal-Knisja f'Malta se jkomplu bl-impenn tagħhom ta' djalogu u kontribut konstruttiv fuq *issues* soċjali f'Malta. Fost dawn l-issues huma identifikati s'issa: ir-rispett lejn il-ħajja umana mit-tnissil sal-mewt naturali, il-ħidma favur żwieġ b'saħħtu, l-aspetti soċjali u ekonomiċi li jġib miegħu d-divorzju, l-etika professjonali fil-qasam ekonomiku, il-kriżi finanzjarja fid-dawl tat-tagħlim soċjali tal-Knisja, il-qagħda tal-ħaddiema Maltin u tal-immigranti fil-kondizzjonijiet tax-xogħol, l-iżvilupp sostenibbli, l-inklużivita', l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew fl-2009.<br><br>Se jkunu qed jaħdmu f'din il-linja l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali, il-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi, il-Kummissjoni Pastorali fid-Dinja tax-Xogħol, Il-Kummissjoni Pastorali Persuni b'Diżabilita', is-Segretarjat Emigrazzjoni u Turiżmu, il-Kummissjoni Ambjent, il-Kummissjoni Djoċesana Familja, id-Discern, il-Moviment ta' Kana, iċ-Ċentru Fidi u Ġustizzja u ż-Żgħazagħ Ħaddiema Nsara. | *Diversi Segretarjati*<br>*Kummissjonijiet*<br>*Għaqdiet u Gruppi* |

| | |
|---|---|
| **Kontra r-razziżmu** | |
| - Il-ħidma tal-Knisja f'Malta favur ir-rispett lejn id-dinjita' ta' kull bniedem u kontra r-razziżmu se tkompli tissaħħaħ fis-snin li ġejjin. L-għajnuna prattika li tingħata lir-refuġjati u lill-*asylum seekers*, kif ukoll il-ħidma li ssir permezz ta' sensibilizzazzjoni u edukazzjoni dwar il-qagħda tagħhom u l-ħidma favur ġustizzja akbar għalihom – dawn kollha jistqarru li l-Knisja hi bil-qawwa kollha favur id-dinjita' u l-ħajja tal-bniedem, hu min hu, ġej minn fejn ġej. | *Segretarjat Emigrazzjoni u Turizmu*<br>*Kumm Ġustizzja u Paċi*<br>*Ċentru Fidi u Ġustizzja* |
| **Tagħlim Soċjali tal-Knisja** | |
| - Issir ħidma biex il-ktieb *Kompendju tat-Tagħlim Soċjali tal-Knisja*, ippubblikat mill-Kunsill Pontifiċju Ġustizzja u Paċi u maqlub għall-Malti miż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara, ikunu għodda siewja għall-formazzjoni fit-Tagħlim Soċjali tal-Knisja. | *Kumm Ġustizzja u Paċi* |
| **Ambjent** | |
| - Il-Kummissjoni Ambjent tkun żviluppata f'Kummissjoni Inter-Djoċesana tal-Konferenza Episkopali Maltija. Din il-Kummissjoni trid turi li l-fidi nisranija tagħti dawl aktar profond dwar ir-responsabbiltajiet tan-nisrani lejn l-ambjent u l-iżvilupp sostenibbli, li għandhom l-għeruq tagħhom partikolarment fl-imħabba u fir-rispett len il-Ħallieq u lejn il-ħolqien; għalhekk taħdem biex tkattar l-għarfien, is-sensibbilta' u l-edukazzjoni dwar l-ambjent.<br><br>Flimkien ma' ħidmiet regolari li jsiru fil-qasam tal-ambjent, hemm dawn il-proġetti: | *Arċidjoċesi ta' Malta flimkien mad-djoċesi ta' Għawdex* |
| - Fl-2009 ikun organizzat kors internazzjonali bit-titlu *God's Creation and Sustainability in the Mediterranean*, indirizzat lejn seminaristi mir-reġjun tal-Mediterran u tal-Ewropa. | *Kummissjoni Ambjent*<br>*Seminarju ta' Malta*<br>*Seminarju ta' Għawdex* |
| - Ikun hemm informazzjoni akbar, permezz ta' pubblikazzjonijiet sempliċi, ħalli l-entijiet tal-Knisja jirrispettaw aktar ir-riżorsi ambjentali fosthom l-elettriku u l-ilma. | *Kummissjoni Ambjent* |

| | |
|---|---|
| - Ikunu studjati l-potenzjalita' u l-prattiċita' ekonomika li ċerti knejjes u bini ieħor jibdew jagħmlu użu mill-enerġija alternattiva tax-xemx. | *Kummissjoni Ambjent* |

# V. Knisja favur iż-żwieġ u l-familja

## VIŻJONI

Il-Knisja f'Malta trid tkun Knisja li taħdem b'impenn għat-tisħiħ taż-żwieġ u tal-familja. F'dan, il-Knisja trid tagħti kontribut validu lis-soċjeta' Maltija, biex l-għażliet li jsiru jkunu tassew għall-ġid komuni. Il-Knisja trid tkompli wkoll tgħin lil min għaddej mit-tbatija fi ħdan il-familja.

Is-Sinodu Djoċesan, fid-dokument *Żwieġ u Familja*, 7, dwar iż-żwieġ li jirrifletti l-ħajja ta' Alla:

> Meta koppja miżżewġa tistqarr li hija maħluqa xbieha ta' Alla, it-tnejn ikunu qed jgħidu li huma msejħin biex iħobbu kif iħobb Alla, f'għaqda ta' persuni li tagħti l-ħajja. U dan jagħmluh speċifikament bħala raġel u mara. Ir-raġel hu dispost li jkun għotja għal martu u l-mara, li tirċievi din l-għotja tar-raġel, issir għotja hi wkoll lilu.

U f'nru 10, dwar il-familji li jkunu evanġelizzaturi:

> Il-familja li toħroġ miż-żwieġ nisrani ssir ġebla soda għall-bini, il-ħajja u l-ħidma tal-Knisja. Il-familja nisranija hija msejħa biex ma tingħalaqx fiha nfisha: għandha l-missjoni li tkun mhux biss oġġett imma ssir hi stess suġġett ta' evanġelizzazzjoni,..

Fid-dokument tas-Sinodu Djoċesan *Kultura-Soċjeta'-Knisja*, nru 79, dwar is-sehem tal-Knisja fid-dibattitu fil-pajjiż:

> Il-Knisja għandha tkompli tagħti s-sehem tagħha b'mod ħaj fid-dibattitu dwar iż-żwieġ u l-familja f'pajjiżna biex twassal il-proposta tagħha li bla dubju għad għandha anke kontenut kulturali fuq diversi livelli u aspetti tal-ħajja tas-soċjeta' fosthom:
>
> - l-edukazzjoni għal paternita' u maternita' responsabbli;
> - l-isfida li l-kultura ta' llum tpoġġi quddiem is-sesswalita' umana;
> - politika li tiffavorixxi l-familja u l-istabilita' tagħha.

## IT-TRIQ FUTURA

Matul 2009-2011, il-Knisja f'Malta se taħdem:

- biex tagħti kull għajnuna lill-miżżewġin ħalli jgħixu b'impenn il-vokazzjoni tagħhom, u tissaħħaħ il-ħajja tal-familja;
- biex tieqaf ma' dawk li huma vittmi ta' tbatija fil-ħajja taż-żwieġ u tal-familja;
- biex il-familji stess iwasslu bis-sħiħ il-valuri li jibnu ż-żwieġ u l-familja fis-soċjeta' Maltija llum.

## PROĠETTI

| | |
|---|---|
| Flimkien mal-ħidma regolari li ssir favur iż-żwieġ u l-familja minn tant entijiet fil-Knisja, fosthom mill-Moviment ta' Kana u minn kull parroċċa f'Malta, se jitwettqu dawn il-proġetti: | |
| - Il-*ProġettImpenn*, bil-għan li jqajjem kuxjenza u għarfien dwar l-importanza li s-soċjeta' għandha tagħti liż-żwieġ, u dwar il-benefiċċji li żwieġ b'saħħtu jagħti lis-soċjeta' u lill-istat innifsu. L-enfasi se tkun dejjem fuq dak li hu pożittiv u li jibni ż-żwieġ b'saħħtu għal familja b'saħħitha. Għal dan il-għan, fi Frar issir 'Ġimgħa Familja' f'kull sena, bħalma ssir f'diversi pajjiżi oħra; tkun maħduma b'mod li l-ħidma tibqa' għaddejja tul is-sena kollha, b'laqgħat u diskussjonijiet f'oqsma differenti tas-soċjeta'. | *Kumm Djoċ Familja*<br>*Moviment ta' Kana*<br>*Segretarjat Caritas* |
| - Jingħata kontribut attiv f'*issues* relatati maż-żwieġ u l-familja, partikolarment fejn tidħol in-*National Family Policy* u *n-National Sexual Health Policy.* | *Kumm Djoċ Familja*<br>*Moviment ta' Kana* |
| - It-taqsima 'Riċerka Familja' tagħti kontribut lill-Knisja u lis-soċjeta' għal għarfien aħjar tar-realta' tal-ħajja taż-żwieġ u l-familja. | *Discern* |
| - Isir proġett bl-isem *'The Dissemination of Skills to foster the Economic Sustainibility of the Traditional Family'*. L-għan ta' dan il-proġett hu biex ikun ta' għajnuna għall-familja Maltija, b'mod li l-istudju jara x'qed ifixkel l-ekonomija sostenibbli tal-familja Maltija u x'jista' jgħin biex il-familji jimmaniġġjaw id-dimensjoni ekonomika tal-familja. | *Segretarjat Caritas*<br>*Kumm Djoċ Familja*<br>*Moviment ta' Kana* |
| - Jitħejja studju dwar il-valuri li qegħdin joħorġu mid-drama li qed tixxandar fuq it-televiżjoni u mezzi tax-xandir oħra lokali. Dan l-istudju jiġi ppubblikat bil-għan li ssir diskussjoni fis-soċjeta' dwar il-kwalita' ta' programmi ta' drama bil-Malti u l-ħtieġa li dawn iwasslu messaġġi pożittivi. | *Kummissjoni Kultura*<br>*Kumm Djoċ Familja* |

| | |
|---|---|
| - Jitfassal *curriculum* għall-formazzjoni tal-operaturi pastorali parrokkjali li jaħdmu mal-familja. | *Kumm Djoċ Familja,*<br>*Moviment ta' Kana*<br>*Istitut ta' Formazzjoni* |
| - Wara l-introduzzjoni b'suċċess tal-MA fil-Bioethics li beda f'Ottubru 2008 u jkompli tul is-snin tal-Pjan, ikun introdott l-MA fil-*Family Ministry*, għall-formazzjoni professjonali fil-qasam tal-familja. | *Fakulta' tat-Teoloġija,*<br>*b'kollaborazzjoni mal-*<br>*Kumm Djoċ Familja*<br>*Moviment ta' Kana*<br>*Istitut ta' Formazzjoni* |
| - Flimkien mal-MA fil-*Family Ministry,* ikun offrut ukoll MA *Canonical Practice and Jurisprudence* bil-għan li tingħata formazzjoni professjonali lil persuni (eż. avukati, psikoloġi, *social workers)* li jistgħu jagħtu s-sehem tagħhom fil-ħidma tat-Tribunal Ekkleżjastiku. Ikun hemm ukoll kors speċifiku għall-psikoloġi li diġa' qed jagħtu l-kontribut fil-ħidma tat-Tribunal. | *Fakulta' tat-Teoloġija*<br>*Tribunal Ekkleżjastiku* |
| - Issir ħidma biex ikunu fformulati sussidji għall-operaturi pastorali li jaħdmu mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ dwar il-valur tal-familja. Iż-żgħażagħ jibdew jingħataw preparazzjoni adegwata fuq livell personali, soċjali, spiritwali u vokazzjonali fiż-żmien meta jkunu qegħdin jibnu relazzjonijiet, jibdew jaħsbu bis-serjeta' dwar iż-żwieġ, u meta jibdew jiffurmaw familja. | *Kumm Djoċ Familja*<br>*Kumm Djoċ Żgħażagħ*<br>*Moviment ta' Kana* |
| - Isir ktejjeb ta' għajnuna għall-ġenituri li qed irabbu t-tfal, biex jagħrfu dejjem aħjar x'hemm li jista' jgħin u x'hemm li jista' jfixkel trobbija tajba. | *Kumm Djoċ Familja*<br>*Moviment ta' Kana* |
| - Bil-għan li t-tfal jipparteċipaw aktar fil-ħajja tal-Knisja u tal-komunita', issir ħidma biex jibdew jitwaqqfu kummissjonijiet tfal fil-parroċċi. | *Kumm Djoċ Tfal* |
| - Bil-għan li jingħata servizz ħolistiku, jitnieda proġett favur it-trabi u t-tfal b'diżabilita' fl-ewwel snin ta' ħajja (*pre-school years)*, u ta' akkumpanjament mal-familji tagħhom. | *Kumm Pastorali*<br>*Persuni b'diżabilita'* |

# VI. Knisja b'post speċjali għall-adolexxenti u għaż-żgħażagħ

## VIŻJONI

Il-Knisja f'Malta trid tkun Knisja fejn l-adolexxenti u ż-żgħażagħ iħossuhom f'darhom u fejn huma stess iħossu l-ħtieġa li jwasslu lill-oħrajn lejn Ġesu' Kristu.

Id-dokument tas-Sinodu Djoċesan *Adolexxenti u Żgħażagħ*, f'nru 10, dwar il-mixja taż-żgħażagħ:

Il-Knisja trid timxi maż-żgħażagħ f'dan il-vjaġġ tal-fidi tagħhom. Ġesu` jħeġġiġna nimxu fuq l-eżempju tiegħu, nersqu lejn kull żagħżugħ jew żagħżugħa u nakkumpanjawhom tul il-vjaġġ tagħhom. Il-Knisja trid timxi l-istess triq fi spirtu ta' smigħ, djalogu u qsim ta' qtigħ il-qalb u ta' tama. Fil-preżent jidher li, ħafna drabi, la l-messaġġ u lanqas ix-xhieda tagħna m'huma qed jaslu. Il-kultura ta' llum tifred il-ħajja tal-fidi mill-ħajja ta' kuljum. In-nisrani ma jemminx li s-sagru u l-profan huma mifruda iżda jagħraf li huma integrati fl-istess realta`. Għalhekk il-Knisja għandha l-isfida li tneħħi din d-dikotomija u turi kif il-ħajja ta' kuljum issib il-qofol tagħha fil-ħajja tal-fidi. Dan hu l-messaġġ li jrid jasal liż-żgħażagħ: li kull attivita` f'ħajjithom twassal għall-qdusija jekk tkun immexxija mill-imħabba vera li għallimna Ġesu`.

Nru 13, dwar żgħażagħ li jkunu huma stess evanġelizzaturi:

Il-pastorali ma tkunx sħiħa jekk ma twassalx liż-żgħażagħ biex ikunu mhux biss dixxipli iżda evanġelizzaturi fil-ħajja ta' kuljum. L-għajxien u parteċipazzjoni fil-ħajja sħiħa jridu jwasslu biex iż-żgħażagħ li jemmnu jkunu l-melħ u dawl (ara Mt 5,13-14) kull fejn ikunu. Għaldaqstant, il-Knisja trid tagħraf li ż-żgħażagħ m'humiex biss proġett futur imma wkoll membri responsabbli, sħaħ u preżenti tagħha u tas-soċjeta' u li huma jistgħu, u ħafna drabi, fil-fatt, jagħtu kontribut siewi. Għaldaqstant huma riżors importanti u għalhekk hu essenzjali li:

(i) tagħraf u tagħtihom il-possibbilta` reali li jużaw id-doni u l-kreattivita` tagħhom;

(ii) tagħtihom rwoli sinifikanti ta' tmexxija u ta' ħidma. Għal dan il-għan il-Knisja trid tagħtihom is-setgħa (*empowerment*) bit-tagħrif u ħiliet meħtiega biex ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod sħiħ;

(iii) tinkuraġġihom jagħtu l-kontribut tagħhom.

## IT-TRIQ FUTURA

Matul 2009-2011, il-Knisja f'Malta se taħdem:

- biex l-adolexxenti u ż-żgħażagħ ikunu protagonisti fil-Knisja u fis-soċjeta';
- biex aktar żgħażagħ iffurmati jidħlu għal impenn ta' evanġelizzazzjoni fost sħabhom;
- biex is-soċjeta' Maltija tagħmel għażliet favur l-adolexxenti u ż-żgħażagħ u tħarishom minn dak kollu li jisfruttahom.

## PROĠETTI

| | |
|---|---|
| - Il-prijoritajiet tal-Knisja f'Malta fil-qasam taż-żgħażagħ se jkunu: ir-riċerka, il-formazzjoni, is-sinerġija, strateġija ta' evanġelizzazzjoni għaż-żgħażagħ 16+, u għarfien ta' u ħidma favur ambjenti ġodda pastorali u dawk li għadhom ma ġewx identifikati.<br><br>Flimkien mal-ħidma favur pastorali ħolistika u s-servizzi b'mod regolari għall-adolexxenti u żgħażagħ, dawn huma l-proġetti ġodda: | |
| - Issir riċerka li tittratta s-sitwazzjoni u l-attitudnijiet taż-żgħażagħ f'Malta | *Kumm Djoċ Żgħażagħ*<br>*Discern*<br>*Segretarjat Katekeżi* |
| - Tiġi ppubblikata u mfissra l-mappa formattiva li nħadmet fis-sentejn li għaddew bil-kollaborazzjoni ta' diversi entijiet li jagħmlu programmi ta' formazzjoni għall-mexxejja tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ. Din il-mappa formattiva tkun turi diversi livelli u diversi kwalifiki li dawk impenjati maż-żgħażagħ għandu jkollhom. | *Kumm Djoċ Żgħażagħ*<br>*Segretarjat Katekeżi*<br>*Istitut ta' Formazzjoni* |
| - Ikun offrut MA fil-*Youth Ministry*, bil-għan li tingħata formazzjoni professjonali lil dawk li jaħdmu maż-żgħażagħ. | *Fakulta' tat-Teoloġija*<br>*Kumm Djoċ Żgħażagħ* |
| - Isiru korsijiet ta' formazzjoni għal dawk impenjati maż-żgħażagħ:<br><br>- '*Basic Principles in Youth Ministry*'.<br><br>- Formazzjoni Kontinwa għall-*Youth Leaders.*<br><br>- Kors għall-Mexxejja Żgħażagħ. | *Segretarjat Katekeżi*<br>*Kumm Djoċ Żgħażagħ*<br>*Istitut ta' Formazzjoni* |
| - Issir Assemblea Nazzjonali b'lenti fuq il-pastorali mal-adolexxenti u maż-żgħażagħ. | *Kumm Djoċ Żgħażagħ* |
| - Issir Assemblea Ġenerali li tiffoka fuq ambjenti oħra ta' pastorali (eż. familja, *playground, internet*) bil-għan li eventwalment jinħadmu linji-gwida għall-ħidma pastorali mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ f'dawn l-oqsma. | *Kumm Djoċ Żgħażagħ* |

| | |
|---|---|
| - Issir ħidma biex il-mentalita' ta' sinerġija tkun applikabbli kemm għal sitwazzjonijiet u ħidmiet fuq bażi ta' djoċesi, kif ukoll fuq livell ta' unita' u fuq livell ta' gruppi b'tema magħżula - bħal fil-każ tal-*World Youth Day.* | *Kumm Djoċ Żgħażagħ* |
| - Tingħata kull għajnuna u ssir tħejjija għaż-żgħażagħ għall-*World Youth Day* f'Madrid 2011 b'sussidji għal-laqghat ta' formazzjoni li jsiru fl-għaqdiet rispettivi tagħhom fuq it-tema ippreżentata mill-Papa. | *Kumm Djoċ Żgħażagħ* |
| - Jinħolqu linji-gwida għall-ħidma pastorali fl-erba' ambjenti diġa' diskussi fis-sentejn li għaddew, i.e. il-parroċċi, l-għaqdiet u l-movimenti, il-kongregazzjonijiet reliġjużi u l-iskejjel. | *Kumm Djoċ Żgħażagħ b'kollaborazzjoni mas-Segretarjati rispettivi* |
| - Isir studju li jwassal għal għarfien aħjar ta' kulturi differenti taż-żgħażagħ fis-soċjeta' Maltija llum. Dan jgħin biex fil-ħidma pastorali tagħha, il-Knisja tilħaq lil żgħażagħ li qegħdin 'fil-periferija'. | *Kumm Djoċ Żgħażagħ* |
| - Isir studju u ssir ħidma biex ikun hemm strateġija ta' evanġelizzazzjoni għal żgħażagħ 16+, b'mod li ż-żgħażagħ ikunu evanġelizzaturi fost sħabhom stess. | *Kumm Djoċ Żgħażagħ* |
| - Isiru numru ta' laqgħat tal-Arċisqof ma' gruppi ta' żgħażagħ b'diffikultajiet ta' fidi. | *Kumm Djoċ Żgħażagħ* |
| - Ikun żviluppat il-proġett 'AwakeningAsaph', li hu żvilupp importanti fil-*music ministry* fost iż-żgħażagħ. | *Kumm Djoċ Żgħażagħ* |
| - Tingħata attenzjoni partikulari lis-sagrament tar-rikonċiljazzjoni fost l-adolexxenti u ż-żgħażagħ, b'mod li jkun hemm (a) katekeżi mġedda fuq dan is-sagrament, u (b) esperjenzi pożittivi taċ-ċelebrazzjoni tiegħu. | *Kumm Djoċ Żgħażagħ*<br>*Segretarjat Liturġija*<br>*Segretarjat Katekeżi* |
| - Il-Knisja ssemma' leħinha fuq *issues* li huma fil-qrib tad-dinja żagħżugħa bħalma huma *addicitive behavior*, l-ekoloġija, is-sesswalita' u l-volontarjat. Il-ħsieb hu li titkellem b'mod pożittiv, li juri s-sabiħ li joħroġ mill-viżjoni nisranija | *Kumm Djoċ Żgħażagħ*<br>*Segretarjat Caritas* |

| | |
|---|---|
| - Isiru laqgħat tal-Arċisqof ma' żgħażagħ li joffru li jagħmlu xogħol volontarju, sew barra minn Malta kif ukoll f'Malta. | *Kumm Djoċ Żgħażagħ flimkien ma' għaqdiet li jorganizzaw dan ix-xogħol volontarju* |
| - Issir ħidma biex tkun imsaħħa l-ħidma volontarja miż-żgħażagħ permezz ta' programm ta' formazzjoni sew bi preparazzjoni kif ukoll bħala *follow-up* tal-esperjenza ta' volontarjat li huma jagħmlu. | *Kumm Djoċ Żgħażagħ* |
| - Issir ħidma biex iż-żgħażagħ jagħrfu aħjar il-vokazzjoni tagħhom – kemm jekk tkun għal ħajja saċerdoti u reliġjuz, kemm jekk tkun għaż-żwieġ, kemm jekk tkun għal xi forma oħra kif jgħixu l-konsagrazzjoni tal-magħmudija. | *Kunsill Interdjoċesan Vokazzjonijiet*<br>*Kumm Djoċ Żgħażagħ* |

# FIL-QALBA TAL-PJAN
# IL-VIŻTA PASTORALI

## Il-proġett prinċipali tal-Knisja f'Malta

L-ewwel Viżta Pastorali ta' l-Arċisqof Pawl Cremona OP hi l-proġett prinċipali tal-Pjan Pastorali tal-Knisja f'Malta għas-snin 2009-2011.

L-Arċisqof jagħti bidu għall-Viżta Pastorali fit-8 ta' Jannar 2009 b'konċelebrazzjoni mal-kappillani kollha ta' Malta fil-Kattidral ta' l-Imdina. Għal din il-quddiesa, jieħdu sehem rappreżentanti mill-kunsilli pastorali tal-parroċċi kollha ta' Malta.

## Fuq l-eżempju tar-Ragħaj it-Tajjeb

Fil-Viżta Pastorali, l-Arċisqof, fuq l-eżempju ta' Ġesu' Kristu, ir-ragħaj it-tajjeb, iżur mill-qrib ir-realtajiet ta' l-Arċidjoċesi. Hu sinjal tal-preżenza tal-Mulej li jżur il-poplu tiegħu.

Il-Knisja trid li l-Arċisqof, bħala parti mill-ministeru tiegħu, jagħmel Viżta Pastorali tal-Arċidjoċesi kollha.

## Fejn issir il-Viżta Pastorali

Il-Viżta Pastorali tal-Arċisqof issir f'kull realta' ekkleżjali: parroċċi, djar tar-reliġjużi, skejjel tal-Knisja, għaqdiet u movimenti.

Matul it-tliet snin tal-Pjan, l-Arċisqof se jagħmel il-Viżta Pastorali fil-parti l-kbira tal-parroċċi tal-Arċidjoċesi ta' Malta.

## L-iskopijiet tal-Viżta Pastorali fil-parroċċi

Hemm żewġ skopijiet. L-ewwel skop hu li l-Arċisqof
- ikun preżenti qalb l-operaturi pastorali u l-poplu tal-parroċċa
- jismagħhom
- isaħħaħhom fil-fidi
- jagħtihom inkoraġġiment u enerġija ġdida.

It-tieni skop hu li ssir
- evalwazzjoni tal-ħidma pastorali tal-parroċċa
- u ħarsa 'l quddiem lejn il-futur tal-parroċċa
- biex tissaħħaħ ħidma pastorali integrata fid-dawl tas-Sinodu Djoċesan.

## Il-forma tal-Viżta Pastorali

Il-Viżta Pastorali se ssir fil-parroċċi skond l-unitajiet pastorali – jiġifieri l-Arċisqof, kemm hu possibbli, iżur il-parroċċi ta' l-unita' pastorali waħda wara l-oħra biex hekk ikun żar il-parroċċi kollha ta' unita' pastorali waħda f'perjodu partikulari.

L-Arċisqof se jqatta' numru ta' ġranet f'kull parroċċa.  Dawn ivarjaw skond id-daqs tal-parroċċa.

### Il-ftuħ u l-għeluq tal-Viżta Pastorali fil-parroċċa

L-Arċisqof se jiftaħ kull Viżta f'parroċċa b'quddiesa għal kulħadd li ssir is-Sibt filgħaxija jew il-Ħadd, u jagħlaqha b'Assemblea li fiha jieħdu sehem il-membri tal-għaqdiet u l-movimenti u l-operaturi pastorali fil-parroċċa u li tkun miftuħa għal kulħadd.

### Il-programm tal-Arċisqof fil-parroċċa

Waqt kull Viżta Pastorali, l-Arċisqof ikollu laqgħat ta' animazzjoni u ta' kuntatt. Fil-laqgħat ta' animazzjoni, li jkunu mal-operaturi pastorali, ser ikun diskuss x'qed isir fil-parroċċa, u x'jista' jsir aħjar u aktar. Fil-laqgħat ta' kuntatt, li jkunu ma' persuni ta' diversi kategoriji residenti fil-lokal, id-diskors ser ikun dwar l-andament tal-parroċċa, jiġifieri anke n-nies li jixtiequ jkellmuh, ser isirilhom appuntament u jkunu jistgħu jesprimu l-opinjoni u s-suġġerimenti tagħhom direttament lill-Arċisqof, imma dejjem fuq il-parroċċa.

### Laqgħat ta' animazzjoni u kuntatt tal-Arċisqof fil-parroċċa

Minbarra l-quddiesa tal-ftuħ u l-Assemblea tal-għeluq tal-Viżta Pastorali, l-Arċisqof ikollu dawn il-laqgħat.

- Laqgħat ta' Animazzjoni:
  - ikollu laqgħa mas-saċerdoti u r-reliġużi residenti fil-parroċċa;
  - jiltaqa' mal-Kunsill Pastorali Parrokkjali, Kummissjoni Implimentazzjoni Sinodu, Kunsill Ekonomiku Parrokkjali;
  - jiltaqa' mal-membri tal-kummissjonijiet li jaħdmu fl-oqsma tal-katekeżi, liturġija, djakonija, familja u żgħażagħ.

- Laqgħat ta' Kuntatt:
  - jiltaqa' mat-tfal f'ċentru kateketiku fil-parroċċa;
  - iżur l-iskola primarja fil-parroċċa;
  - iżur numru ta' morda fil-parroċċa;
  - ikollu laqgħa ma' soċjetajiet ċivili tal-parroċċa miġbura flimkien;
  - ikollu ħin biex jisma' lil min ikun jixtieq ikellmu.

### L-evalwazzjoni tal-ħidma pastorali tal-parroċċa

Issir billi numru ta' delegati tal-Arċisqof, qabel il-Viżta Pastorali, se jagħmlu kuntatt ma' min hu responsabbli ta' l-operat pastorali fid-diversi oqsma u magħhom jaraw x'inhi s-sitwazzjoni reali tal-parroċċa. Imbagħad jagħmlu rapport ta' dan, b'dak li hu pożittiv, bid-diffikultajiet u bi proposti fid-dawl tas-Sinodu Djoċesan, u jippreżentawh f'rapport wieħed lill-Arċisqof qabel ma jżur il-parroċċa.

Matul il-Viżta Pastorali, se jkunu trattati b'mod speċjali dawn is-sitt oqsma, li huma wkoll l-oqsma ta' attenzjoni tal-Pjan Pastorali:

- il-bini tal-komunita'
- Il-katekeżi
- il-liturġija
- id-djakonija
- iż-żwieġ u l-familja
- l-adolexxenti u ż-żgħażagħ

Barra minn dawn, ikun trattat ukoll l-aspett amministrattiv tal-parroċċa. Għalhekk, fil-Viżta se jkunu involuti mill-qrib dawk id-delegati tal-Arċisqof impenjati f'dawn l-oqsma. Wara l-ħidma tad-delegati, u wara ż-żjara ta' l-Arċisqof fil-parroċċa, ikun hemm *follow-up* fid-dawl ta' dak li joħroġ mill-Viżta nnifisha, u jingħataw indikazzjonijiet partikulari biex titjieb il-ħidma pastorali fil-parroċċa.

Wara li jitlestew il-parroċċi kollha ta' l-unita' pastorali, se jiġi studjat x'jista' jsir flimkien u bil-għajnuna ta' xulxin fl-unita' pastorali.

Il-Viżta Pastorali għandha sservi wkoll biex ikun hemm l-aħjar distribuzzjoni tas-saċerdoti fil-parroċċi, skond il-possibbiltajiet u l-esiġenzi partikulari.

## Tħejjija spiritwali għall-Viżta Pastorali

Se jkun hemm ukoll ġranet ta' tħejjija spiritwali fil-parroċċa, li fihom ġew mistiedna b'mod speċjali biex jagħtu s-sehem tagħhom membri tal-komunitajiet reliġjużi u membri tal-għaqdiet u l-movimenti ekkleżjali. Meta joqrob iż-żmien tal-Viżta, ikun hemm laqgħat partikulari ta' tħejjija lill-operaturi pastorali tal-parroċċa

## Il-frott tal-Viżta Pastorali fil-parroċċi

Il-Viżta Pastorali għandha tgħin biex il-parroċċi jiġġeddu u jagħrfu aktar is-sejħa tagħhom fi żminijietna li jkunu dejjem aktar komunitajiet ta' evanġelizzazzjoni fis-soċjeta' Maltija llum.

# IMPENJI LI QED JITTIEĦDU

Fid-dawl tas-Sinodu Djoċesan u tal-viżjoni tal-Pjan Pastorali 2009-2011, se jittieħdu dawn l-impenji għat-tliet snin li ġejjin:

## Il-parroċċi

Kull parroċċa ħadmet pjan parrokkjali għat-tliet snin li ġejjin, bl-istess viżjoni u direzzjoni tal-Pjan Pastorali tal-Arċidjoċesi.

Kull parroċċa qed timpenja ruħha wkoll għat-tħejjija u t-twettiq tal-Viżta Pastorali tal-Arċisqof, li għandha tkun esperjenza ta' tiġdid fil-ħajja pastorali tal-parroċċa, speċjalment fis-sitt oqsma identifikati.

## Il-kongregazzjonijiet ta' ħajja konsagrata

Kull kongregazzjoni ta' ħajja konsagrata se taħdem biex id-dokument dwar il-ħajja konsagrata, li għandu jkun lest fl-2009, ikun ta' ispirazzjoni kontinwa għall-ħidma tagħha. Matul 2009-2011, il-kongregazzjonijiet se jagħtu prijorita' lil dan id-dokument u jagħmlu evalwazzjoni tal-ħajja u tal-ħidma tagħhom fid-dawl ta' dan id-dokument.

## L-iskejjel tal-Knisja

Matul 2009-2011, l-iskejjel tal-Knisja se jagħtu prijorita' lil tliet oqsma partikulari:

- l-*ethos* tal-iskola Kattolika;
- *Pastoral Care team* fl-iskola;
- *Media education*.

## L-għaqdiet u l-movimenti tal-Knisja

Matul 2009-2011, l-għaqdiet u l-movimenti tal-Knisja se jagħtu prijorita' lil dawn it-tliet oqsma:

- ħidma koordinata bejn l-għaqdiet fil-qasam edukattiv;
- preparazzjoni għall-Viżta Pastorali;
- ħidma li twassal għall-aġġornament u t-tiġdid tal-Forum tal-għaqdiet u l-movimenti.

# BIEX IL-ĦIDMA TITWETTAQ VALUTAZZJONI

## Stil Sinodali

- L-Arċisqof huwa l-animatur prinċipali tal-komunjoni u tal-ħidma pastorali tal-Knisja f'Malta. Hu jmexxi 'l quddiem l-implimentazzjoni tas-Sinodu bis-sehem attiv ta' dawk kollha li għandhom ir-responsabbilta' li jwettqu l-Pjan u l-parteċipazzjoni tal-Knisja f'Malta.

- Is-Segreterija Pastorali tikkoordina flimkien id-diversi oqsma tal-Pjan. Tara li kull min hu responsabbli għal xi qasam tal-Pjan Pastorali jaqdi r-responsabbilta' tiegħu, u dawk li għandhom ħidma flimkien ma' oħrajn jaħdmu mhux għal rashom imma bi spirtu ta' komunjoni vera. Is-Segreterija Pastorali tirrapporta dwar dan lill-Kummissjoni għall-Implimentazzjoni tas-Sinodu.

- F'din il-linja, is-Segreterija Pastorali tagħmel valutazzjoni kontinwa tal-istrutturi fi ħdanha, biex ikunu iffukati u jaħdmu f'kollaborazzjoni u bl-aħjar użu tar-riżorsi, u jkunu għas-servizz ta' ħidma pastorali li dejjem tiġġedded. Fejn meħtieġ, isir ristrutturar biex din il-ħidma ssir aħjar.

- Il-Kummissjoni għall-Implimentazzjoni tas-Sinodu ssegwi t-twettiq tas-Sinodu u tagħmel valutazzjoni regolari ta' dak li jkun qed isir biex tassigura li miexi b'ritmu tajjeb fid-diversi oqsma tal-Arċidjoċesi.

## Finanzjament

- Il-*costings* finanzjarji preliminari saru mill-entijiet responsabbli għall-proġetti partikulari. L-Arċidjoċesi ta' Malta tara li l-prijoritajiet tagħha, fejn jidħlu finanzi u sussidji mill-fond ċentrali, ikunu fi qbil ma' dan il-Pjan Pastorali.

## Valutazzjoni

- Issir valutazzjoni regolari tat-twettiq tal-Pjan fil-Kunsill Presbiterali u fil-Kunsill Pastorali Djoċesan u fil-Kummissjoni għall-Implimentazzjoni tas-Sinodu. Il-valutazzjoni għandha ssir fid-dawl tal-viżjoni u l-missjoni tal-Pjan Pastorali.

- Issir valutazzjoni perjodika fi strutturi oħra tal-Knisja f'Malta, bħall-Kulleġġ tal-Kappillani, il-Kunsill tas-Superjuri Maġġuri Reliġjużi, il-Forum tal-Għaqdiet u l-Movimenti tal-Knisja, u fejn jidħol l-aspett ta' finanzjament, fil-Kunsill Rappreżentattiv Djoċesan u l-Kumitat Finanzjarju Djoċesan.

- L-Assemblea Djoċesana annwali (li fl-2009 se ssir fid-9 u fl-10 ta' Ottubru) tagħmel evalwazzjoni tal-ħidma li tkun saret fis-sena partikulari tal-Pjan, kif ukoll tħares 'il quddiem lejn is-sena ta' wara tal-Pjan.